*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2012 — Nuna International vs UASI — Nanu-Nana Joachim Hoepp (nuna)**

**(Kawża T-195/12)**

(2012/C 209/14)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nuna International BV (Erp, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. Alpera Plazas, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Nanu-Nana Joachim Hoepp GmbH & Co. (Bremen, il-Ġermanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' Frar 2012 fil-Każ R 476/2011-1; u

— tilqa l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkontestata għall-prodotti kollha msemmija fl-applikazzjoni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* Ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark figurattiva "nuna", għal prodotti fil-klassijiet 12, 18, 20, 21, 25 u 28 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6239743

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6218879 għat-trade mark verbali "NANU"; Trade mark Komunitarja Nru 6218945 għat-trade mark verbali "NANA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 4, 6, 8, 11, 14, 16, 18, 20, 21, 24, 26, 28, 30, 34 u 35; Trade mark Komunitarja Nru 6217814 għat-trade mark verbali "NANU-NANA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 18, 20, 21, 24, 25, 28 u 35; Trade mark Ġermaniża Nru 36647710 għat-trade mark verbali "NANU"; Trade mark Ġermaniża Nru 39804075 għat-trade mark verbali "NANA"; Trade mark Ġermaniża Nru 1054703 għat-trade mark verbali "NANU-NANA"; Reġistrazzjoni għal trade mark internazzjonali Nru 557176 għat-trade mark verbali "NANU-NANA"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Deċiżjoni kkontestata annullata, oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2012 — Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones vs UASI — MIP Metro (METRO)**

**(Kawża T-197/12)**

(2012/C 209/15)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— temenda d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Marzu 2012 fil-Każ R 2440/2010-1;

— sussegwentement u biss jekk it-talba preċedenti tiġi miċħuda, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Marzu 2012 fil-Każ R 2440/2010-1;

— tikkundanna lill-konvenuta u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell